# LECTIO DIVINA

# It-Tielet Ħadd Matul is-Sena (A)

**Mt 4,12-23**

Silta li fiha titwettaq il-profezija tal-Battista: "Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu" (Mk 1,7) u "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien." (Ġw 3,30)

"**Meta Ġesù sema' li 'l Ġwanni kienu arrestawh, warrab lejn il-Galilija." (v 12)**

Forsi wieħed jieħu l-impressjoni li la Ġwanni ġie "arrestat", dan ma setax ikompli aktar il-missjoni tiegħu. Imma fil-fatt għal Ġwanni qed joqrob il-mument l-aktar importanti tal-missjoni tiegħu, "is-siegħa" tiegħu, li fiha jagħti xiehda saħansitra billi jagħti ħajtu (martri = xhud). Dan il-mument, li ma trawwamx fi Ġwanni ħabta u sabta, imma kien ir-riżultat ta' koerenza ta' ħajja sħiħa (predikazzjoni u twettiq), ipoġġi lill-Battista fuq linja parallela għal Ġesù. It-tnejn li huma jissiġillaw it-tagħlim u l-ħajja kollha tagħhom bl-għotja totali tagħhom infushom fil-veru sens tal-kelma; l-għotja ta' ħajjithom – Τετέλεσται; missjoni mwettqa b'suċċess (ara Ġw 19,28.30).

Il-valuri l-kbar li fihom tkun temmen u li fuqhom tkun bnejt ħajtek, *worth it* li saħansitra tagħti ħajtek għalihom. L-ebda biża' jew ostaklu ieħor m'huma biżżejjed jiskoraġġixxu dan l-għemil radikali: "La l-Mulej miegħi, m'għandix għax nibża'; x'jista' jagħmilli l-bniedem? Il-Mulej miegħi, hu l-għajnuna tiegħi, u nħares b'wiċċi minn quddiem lejn l-għedewwa tiegħi." (Salm 118,7-8)

**"Telaq minn Nażaret, u ġie joqgħod f'Kafarnahum, qrib xatt il-baħar, fl-inħawi ta' Żabulon u Neftali. Hekk kellu jseħħ dak li kien intqal mill-profeta Isaija, 'Art ta' Żabulon, art ta' Neftali, it-triq tal-baħar, l-art 'il hemm mill-Ġordan, Galilija tal-ġnus! (v 13-15)**

Dak li jista' jidher bħala ħarba (Ġesù jwarrab lejn il-Galilija), fl-iskrittura hu t-twettiq tal-profezija ta' Isaija li tkompli mas-suġġett tal-Epifanija tal-Mulej lill-ġnus kollha li rajna fil-ġimgħat li għaddew.

"Galilija tal-ġnus" (v.15b; Is 9,2) – post il-pagani u l-kummerċ bejn poplu u ieħor. Ftit kienu jiġu rispettati l-liġijiet tat-twemmin li persuna tkun tħaddan. L-interess ewlieni kien il-kummerċ u l-prosperità.

**“Il-poplu li kien jinsab fid-dlamijiet ra dawl kbir; dawk li kienu jinsabu f’art u dell il-mewt idda dawl għalihom” (v 16)**

Mattew ixebbaħ il-bidu tal-ministeru ta’ Kristu ma’ dawl kbir (ara Ġw 1,1-18), li deher fuq il-poplu li kien jinsab fid-dlam u li dan il-poplu kien ilu jistenna d-dawl. Kristu hu dak id-dawl ta’ dak il-jum li ma jafx b’għabex. Dawl li jwassal aħbar tajba; anzi d-dawl li minnu nnifsu ġa hu aħbar tajba; aħbar ta’ sliem, serħan il-moħħ u l-qalb – int m’intix minsi. (ara Salm 119,105, Lq 11,33-36). Dan id-dawl deher idawwal mhux biss lill-poplu li jinsab f’Iżrael, imma d-dinja kollha – il-ġnus, kemm dawk li jgħidu li għandhom liġi u kemm dawk li ma għandhomx. Id-dlam tad-dnub ta’ Adam kien kesa d-dinja. “[B]iż-żjara tax-xemx tielgħa... mill-għoli” (Lq 1,78b) dak “il-poplu li kien jinsab fid-dlamijiet ra dawl kbir...” (v. 16, ara ukoll Mt 2,2; Ġw 8,12)

**“Minn dak iż-żmien Ġesù beda jxandar u jgħid: ‘Indmu għax qorbot is-Saltna tas-Smewwiet.” (v 17)**

*Konverżjoni* tfisser tibdel it-triq, tibdel id-direzzjoni, tieħu azzjoni, tiddeċiedi li tibdel/tħalli xi ħaġa minn ħajtek li toffrilek sigurtà.

Hemm *raġuni għaliex* għandha ssir din il-konverżjoni (ara 1Pt 3,15). Konverżjoni qatt ma tista’ ssir b’mod irrazjonali, jew bi sforz/pressjoni. Altrimenti tkun waħda artifiċjali li (għal xi żmien) tibdel biss il-qoxra ta’ barra (“bix-xufftejn biss jagħtini qima” Mt 15,8a), u għalhekk il-persuna ma ddumx ma terġa lura għall-istat tal-“bniedem l-antik” (“għax qalbhom hija l-bogħod minni” Mt 15,8b).

Alla ifittex lill-bniedem għad-dawl fis-“Saltna” tiegħu. Din is-*saltna* tiġbor fiha x-xewqa aħħarija tal-bniedem – li jkun verament kuntent, *fulfilled*, għax ikun laħaq *l-iskop* li għalih ġie maħluq; ikun sab it-teżor (Mt 13,44.45-46).

Il-konverżjoni jeħtieġ li ssir *issa*.

**“Huwa u jdur ma’ xatt il-baħar tal-Galilija, lemaħ żewġt aħwa, Xmun jgħidulu Pietru, u Indrì, ħuħ, qegħdin ikalaw ix-xbiek il-baħar, għax kienu sajjieda. U qalilhom: ‘Ejjew warajja, u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin.’ U minnufih telqu x-xbiek u marru warajh... ra żewġt aħwa oħra... u sejħilhom. Minnufih telqu... u marru warajh. (vv 18-22)**

L-ewwel azzjoni tal-ministeru ta’ Ġesù hi l-vokazzjoni (is-sejħa li huwa jagħmel). Hu jagħmel sejħa speċifika u ċara “Ejjew warajja u nagħmel minnkom [biex tkunu] sajjieda tal-bnedmin”. Dak kollu li jiġi wara hu kollu mdawwar ma’ din il-missjoni. Fil-fatt, Ġesù mill-ewwel jerġa jagħmel l-istess sejħa (v. 21).

Is-sejħa ma sseħħx f'xi dehra straordinarja imma sseħħ fin-normalità tal-ħajja ta' kuljum: waqt li l-aħwa qegħdin ikalaw ix-xbiek, u waqt li l-oħrajn kienu fid-dgħajsa ma' missierhom (ara ukoll Mt 9,9, Atti 9,1s).

"Ejjew warajja" (v. 19.21) Is-soltu hu d-dixxiplu li jagħżel l-imgħallem tiegħu. Imma fil-każ ta' Ġesù jiġri bil-maqlub. Hu Kristu li *jagħżel* (ara Ġw 15,16). Min jagħżel huwa dak li qed jagħmel l-azzjoni – determinat, ikun jaf x'irid, fejn irid jasal, ċerta serjetà u insistenza. Hija proposta personali, diretta u ċara. Il-persuna msejħa minn Kristu tkun taf li hija msejħa; fil-fond ta' qalbha tkun ċerta mis-sejħa li saritilha.

"minnufih telqu x-xbiek" (v.20.22) Ix-*xbiek* ifisser *kollox*; dak kollu li l-aktar li kien ta' sigurtà f'ħajjithom; il-mezz li bih setgħu jaqilgħu l-għixien ta' kuljum. Hija *azzjoni* li qabilha titlob *deċiżjoni*. Id-deċiżjoni tfisser għażla ta' xi ħaġa (= esklużjoni ta' xi ħaġa oħra jew ta' ħafna affarijiet). Il-fatt li "minnufih telqu..." juru li fl-għażla tagħhom ma kienx hemm biża' u lanqas dwejjaq jew azzjoni b'nofs qalb, imma libertà u fiduċja f'min għażilhom (ara 1 Ġw 4,18).

Aktar ma jien liberu, aktar inkun kapaċi li niddeċiedi (= aktar inħalli barra *options* biex nagħżel dik il-waħda). Il-ħażin hu meta persuna tibqa' ma tiddeċidix għax ma tafx xi trid, jew għax tibża', għax ma tridx tissagrifika l-għażliet l-oħra għal dik il-waħda (il-qaddej li jipprova jaqdi żewġ sidien [jew aktar] imma li jinduna li b'dan il-mod – nuqqas ta' għażla – jispiċċa biex ma jaqdi lill-ħadd għax l-istess fiżiku tiegħu ma jippermettilux li jkun f'aktar minn post wieħed fl-istess ħin.)

**"U dar il-Galilija kollha, jgħallem fis-sinagogi tagħhom, ixandar il-Bxara t-Tajba tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard u 'l kull min kien dgħajjef minn saħħtu fil-poplu." (v. 23)**

Min jieħu deċiżjoni, jkun jaf lilu nnifsu u jkun jaf x'irid, huwa dak li jista' jkun effikaċi fil-ministeru tiegħu – jgħallem, ixandar, ifejjaq u jsaħħaħ lid-dgħajjef (ara v. 23).